MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 10/2008

Rikors Mahluf numru:- 10/2008JD

**Dorothy Buttigieg**

**Noel Buttigieg**

**U**

**L-Avukat Dr Monica Vella fil-kwalita’ taghha ta’ mandatarja ta’ l-imsiefra Deborah Vella**

**Vs**

**Agnese Farrugia**

**U b'digriet tat-3 ta' April 2008 Dr Samuel Azzopardi gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Giorgia Vella u b'nota tas-7 ta' Lulju 2008 Dr Georgine Grech assumiet ir-rapprezentanza tal-konvenuta l-imsiefra Giorgia Vella u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2009 il-kunjom Grech gie mhassar u sostitwit bil-kunjom Schembri**

**U b'digriet tal-25 ta' Frar 2008 Agnese Farrugia giet nominata kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-eredita' ta' Anthony Buhagiar li miet fis-27 ta' April 2006 u permezz ta' nota tat-3 ta' Lulju 2013 Josephine Mercieca assumiet l-atti tal-kawza ghall-imsiefra Agnese Farrugia li siefret fil-mori tal-kawza u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2014 Josephine Mercieca giet nominata kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-eredita' gjacenti ta' Anthony Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat illi l-atturi fir-rikors guramentat ippremettew :

1. Illi n-nanna ta' l-atturi li cioe' Carmela Buhagiar, mart Francesco Buhagiar gia bint il-mejtin Carmelo Cordina u Maria Antonia nee' Cini li kienet imwielda u toqghod Fontana, Ghawdex, mietet nhar it-tlettax (13) ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (2001), u rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn (2000), li permezz tieghu nnominat bhala eredi universali taghha, lil uliedha l-konvenuti Agnese Farrugia fi kwota ta' nofs indiviz u Giorgia Vella fi kwota ta' kwart indiviz; kif ukoll lill-atturi fi kwota ta' kwart indiviza bejniethom bhala ulied ta' bintha l-mejta Antoinette Buttigieg.

2. Illi Francesco Buhagiar, in-nannu ta' l-atturi miet fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa u rregola l-wirt u s-successjoni tieghu b'zewg testmenti wiehed fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u iehor fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju elfejn u hamsa (2005), illi permezz tieghu nnomina bhala eredi lit-tliet uliedu hajjin, zewg konvenuti Agnese Farrugia u Giorgia Vella, lil ibnu Anthony Buhagiar (illum mejjet) u lill-atturi fi kwota ta' kwart indiviz bejniethom fil-kwalita' taghhom ta' ulied bintu l-mejta, Antoinette Buttigieg.

3. Illi oltre minn dan huwa halla legat lil bintu Agnese Farrugia tal-fond numru mitejn u tnejn u tliet bibien ohra bla numru fi sqaq ta' bieb il-Lunzjata (gja Triq ta' l-Ghajn, Fontana Ghawdex) bl-art annessa mieghu, liema legat in parti huwa legat ta' hwejjeg haddiehor kwantu jirreferi ghal nofs indiviz li kien jappartjeni l-eredita' ta' martu fuq imsemmija. Kif ukoll iddispona mill-flus kollha tal-bank li kienu jappartjenu kemm lilu kif ukoll lil martu billi hallihom b'legat, li allura kwantu jirreferu ghall-flus ta' martu huma wkoll legat ta' hwejjeg haddiehor.

4. Illi l-atturi ma jridux jaccettaw l-eredita' ta' l-imsemmi Francesco Buhagiar u fil-fatt ghamlu nota ta' rinunzja ta' din l-eredita', u fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' Maria Carmela Buhagiar ma jridux jonoraw iz-zewg legati ta' hwejjeg haddiehor imhollija minn Francesco Buhagiar fuq imsemmija u jridu illi fuq il-wirt ta' Francesco Buhagiar jiehdu l-porzjon riservat ossia legittima spettanti lilhom mil-ligi.

5. Illi Anthony Buhagiar miet nhar is-sebgha u ghoxrin (27) t'April tas-sena elfejn u sitta (2006).

6. Illi filwaqt illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti f'dak li huma eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar huma jridu li tigi likwidata lilhom il-porzjon riservata ossia legittima spettanti fuq il-wirt ta' Francesco Buhagiar fil-kwalita' taghhom ta' legittimi rapprezentanti ta' ommhom il-mejta Antoinette Buttigieg.

7. Illi dan ir-rikors qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attrici Dorothy Buttigieg li ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn l-imsemmija Francesco u Carmela konjugi Buhagiar billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw waqt il-kors tal-kawza.

2. Taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Buhagiar.

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Maria Carmela Buhagiar billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u l-beni kollha l-ohra parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Francesco Buhagiar billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-ohra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

5. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Maria Carmela Buhagiar fi tliet porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati kwantu ghall-kwart indiviz lill-atturi, nofs indiviz lill-konvenuta Agnese Farrugia, kwart indiviz lil Giorgia Vella.

6. Tahtar Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci ta' l-istess att.

7. Fin-nuqqas li jirrizulta li l-beni m'huwiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti tordna l-licitazzjoni ta' l-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif hawn fuq inghad.

8. Tillikwida s-sehem riservat ossia l-legittima spettanti lill-atturi fuq il-wirt ta' Francesco Buhagiar u tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu din il-legittima.

9. Tordna lill-konvenuti jhallsu din il-legittima hekk likwidata.

Bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li fir-risposta guramentata tieghu Dr Samuel Azzopardi bhala kuratur deputat ghall-imsiefra Giorgia Vella eccepixxa s-segwenti:

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti li wasslu ghal din il-kawza u ghalhekk qieghed jirrizerva li jaghmel ir-risposta tieghu wara li jkun ikkomunika ma' l-intimat;

2. Illi ghal kull bwon fini qed jopponi t-talba;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ikun x'ikun l-ezitu ta' dawn il-proceduri, l-ispejjez u d-drittijiet tal-kuratur deputat ghandhom jigu sopportati anke provizorjament mill-atturi.

Rat li fir-risposta guramentata taghha Agnese Farrugia eccepiet:

1. Illi dwar id-divizjoni tal-wirt ta' ommha Carmela Buhagiar, l-esponenti qatt m'opponiet ruhha u mhix qed topponi ruhha ghaliha purche' li qabel jigu verifikati l-kwoti u tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi. Ghaldaqstant ma topponix ruhha ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talbiet attrici.

2. Illi dwar l-eredita’ ta’ missierha Francesco Buhagiar, l-esponenti ghadha mhijiex f’posizzjoni jekk taccettahiex jew le, salv id-dritt taghha ghal-legat tad-dar li gie lilha mholli minn missierha, liema dritt pero’ l-esponenti qed izzomm ferm.

3. Illi dwar is-sitt talba, din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-proprjeta’ li hemm mhijiex komodament divizibbli.

4. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Illi Agnese Farrugia bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-eredita’ ta’ Anthony Buhagiar ma pprezentat l-ebda risposta guramentata ghall-istess.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar u t-twegibiet in eskussjoni.

Rat ir-rapporti tal-Periti Addizzjonali AIC Frank Muscat; AIC Valerio Schembri u AIC Anna Maria Attard Montalto u t-twegibiet in eskussjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta’sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din hija kawza li permezz taghha qieghed jintalab:

(i) il-likwidazzjoni u divizjoni tal-eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar u okkorrendo l-bejgh in licitazzjoni tal-beni tal-mejta f'kaz li dawn jirrizultaw li mhumiex kommodament divizibbli;

(ii) il-likwidazzjoni tal-legittima mill-eredita' ta' Francesco Buhagiar u l-hlas tal-istess sehem rizervat lill-atturi.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

- Il-konjugi Maria Carmela Buhagiar u Francesco Buhagiar kellhom erbat itfal – Antoinette Buttigieg, Agnese Farrugia, Giorgia Vella u Anthony Buhagiar.

- Antoinette Buttigieg mietet qabel il-genituri taghha.

- Maria Carmela Buhagiar mietet fit-13 ta' Awwissu 2001. Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment tat-28 ta' Frar 2000 in atti Nutar Dr Enzo Dimech li permezz tieghu nnominat eredi universali taghha lill-uliedha l-konvenuti Agnese Farrugia fi kwota ta' nofs indiviz (1/2); lil Giorgia Vella fi kwota ta' kwart indiviz (1/4); u lill-atturi fi kwota ta' kwart (1/4) indiviz bejniethom bhala wlied bintha mejta Antoinette.

- L-eredi kollha accettaw dan il-wirt ta' Maria Carmela Buhagiar.

- Francesco Buhagiar miet fil-11 ta' Ottubru 2005. Huwa rregola s-successjoni tieghu permezz ta' zewg testmenti – testment tad-9 ta' Marzu 2005 in atti Nutar Dr Paul George Pisani u l-iehor tad-29 ta' Lulju 2005 in atti Nutar Dr Kristen Dimech li permezz taghhom innomina eredi universali lit-tliet uliedu hajjin ossija Agnese Farrugia, Giorgia Vella u lil ibnu Anthony Buhagiar u lill-atturi fi kwota ta' kwart indiviz (1/4) bejniethom.

Oltre' minn hekk, Francesco Buhagiar halla prelegat lil bintu Agnese Farrugia tal-lok ta' djar numru 202, Sqaq Fuq il-Lunzjata, Fontana, Ghawdex bl-art kollha mieghu annessa u bl-oggetti mobbli kollha fih kontenuti *a limine intus,* eskluzi l-kotba tal-bank u dokumenti u titoli ohra li jirrapprezentaw flus u dan il-prelegat hallih bhala tpattija, rikonoxximent u hlas ta' diversi servigi rezi lilu, lil martu u lil binhom Anthony ghal hafna snin u bil-kundizzjoni li tibqa' tirrendilu dawn is-servizzi fil-futur u bil-kundizzjoni wkoll li ma tirrikoverahx fi sptar jew djar tax-xjuh jekk mhux f'kaz ta' assoluta necessita' ghas-sahha tieghu jew tal-istess bintu. L-istess testatur iddikjara li jaf li din il-proprjeta' ma kinitx tappartjeni lilu fl-intier izda kienet tappartjeni in parti lill-assi tal-mejta martu, izda huwa xorta wahda ried u ordna li l-prelegat jigi percepit fl-intier tieghu mill-prelegatarja.

Halla wkoll legat ta' haga ta' haddiehor rigward il-flus tal-banek a favur ta' ibnu Anthony, illum mejjet.

Fit-tieni testment it-testatur ezenta lil uliedu kollha mill-kollazzjoni.

- L-atturi (Dorothy, Noel u Deborah) ulied il-mejta Antoinette Buttigieg irrinunzjaw ghall-eredita' ta' Francesco Buhagiar permezz ta' nota ta' rinunzja fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fit-22 ta' Jannar 2008[1].

- Agnese Farrugia irrinunzjat ghall-wirt ta' Francesco Buhagiar permezz tan-nota tal-25 ta' Gunju 2008 b'dan li hija zammet ferm id-dritt taghha ghal-legittima ossia s-sehem rizervat lilha spettanti u d-dritt ghal-legat tad-dar li gie mholli lilha minn missierha bit-testment tieghu tad-9 ta' Marzu 2005.

- Giorgia Vella irrinunzjat ghall-wirt ta' Francesco Buhagiar permezz tan-nota tas-26 ta' Novembru 2008[2].

[1] A fol 37 u 38 tal-process
[2] A fol. 245 tal-process

- Josephine Mercieca fil-kwalita’ taghha ta’ kuratrici tal-wirt gjacenti ta’ Anthony Buhagiar irrinunzjat ghall-eredita’ ta’ Francesco Buhagiar u zammet ferm kull dritt spettanti lill-istess Anthony Buhagiar ghas-sehem rizervat fl-epoka tal-mewt tal-istess Francesco Buhagiar.

**Assi mmobiljari tal-konjugi Maria Carmela u Francesco Buhagiar**

Illi l-partijiet jaqblu li l-assi mmobiljari tal-konjugi Buhagiar fi kwota ta’ nofs indiviz kull wiehed minnhom kienu:

(i) Il-fond bin-numru 202, Triq ta’ l-Ghajn, Fontana, Ghawdex bi gnien anness;

(ii) Porzjon art imsejha ‘Ta’ Gerxija’, fil-limiti ta’ Victoria, Ghawdex, f’zewg porzjonijiet attigwi msejha ‘Ta’ Barra’ u ‘Ta’ Gewwa’ rispettivament tal-kejl komplessiv ta’ cirka 3,818m.k. u kollox konfinanti mil-Lvant in parti mat-triq u in parti ma’ beni ta’ terzi, Punent ma’ passagg u Punent ma’ beni tal-familja Sultana jew irjieh verjuri.

(iii) Porzjon art maghrufa ‘Ta’ Pinu’, fil-limiti ‘Ta’ Victoria’, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 458m.k. u tmiss Xlokk ma’ passagg, Tramuntana u Punent ma’ beni ta’ Djocesi ta’ Ghawdex jew aventi kawza;

(iv) Porzjon art maghrufa ‘Ta’ Pinu’, fil-limiti ‘Ta’ Victoria’, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 330m.k. u tmiss Tramuntana, Punent u Lvant ma’ beni ta’ Djocesi ta’ Ghawdex jew aventi kawza;

(v) Porzjon art imsejha ‘Ta’ Ras il-Bajjada’ fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 3,558m.k. konfinati mit-Tramuntana ma’ beni tal-familja Grech u konfinanti mil-Majjistral ma’ beni tal-familja Gauci jew irjieh verjuri.

Illi l-atturi talbu wkoll li ai fini ta’ kalkolazzjoni ghas-sehem rizervat ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni l-fond bin-numru 22, Triq San Girgor, Kercem, Ghawdex inkluza mandra annessa mieghu konfinanti mit-Tramuntana ma’ Triq San Girgor, mill-Punent u Lvant ma’ beni ta’ l-eredi ta’ Felic Attard li kien gie moghti b’titolu ta’ *datio in solutum* lill-konvenuta Giorgia Vella fil-25 ta’ Jannar 1981 in atti Nutar Dr Emanuel George Cefai u dan peress li jsostnu li dan ma kien xejn ghajr donazzjoni.

Il-konvenuta Agnese Farrugia taqbel ukoll ma tali sottomissjoni; mhux l-istess jinghad ghal Giorgia Vella li rribattiet l-allegazzjoni li l-kuntratt kienet donazzjoni maskerata.

**<u>Divizjoni ta’ l-Eredita’ ta’ Maria Carmela Buhagiar</u>**

Illi kif diga’ gie rilevat il-partijiet kollha accettaw din l-eredita’. Il-Perit Tekniku Mario Cassar irrelata li l-assi ta’ Maria Carmela Buhagiar ma humiex komodament divizibbli fil-proporzjon ta’ kwart indiviz lill-atturi, nofs indiviz lill-konvenuta Agnese Farrugia u kwart indiviz lil Giorgia Vella. Hadd mill-partijiet ma kkontesta tali kostatazzjoni.

Kif diga’ gie kkonstatat l-assi mmobiljari ta’ Maria Carmela Buhagiar huma n-nofs (1/2) indiviz ta’:

(i) Il-fond bin-numru 202, Triq ta’ l-Ghajn, Fontana, Ghawdex bi gnien anness – dan thalla b’*legato di cosa altrui* lil Agnese Farrugia. Dan thalla pero’ bhala *legato di cosa altrui* minn zewgha lil Agnese Farrugia. ;

(ii) Porzjon art imsejha ‘Ta’ Gerxija’, fil-limiti ta’ Victoria, Ghawdex, f’zewg porzjonijiet attigwi msejha ‘Ta’ Barra’ u ‘Ta’ Gewwa’ rispettivament tal-kejl komplessiv ta’ cirka 3,818m.k. u kollox konfinanti mil-Lvant in parti mat-triq u in parti ma’ beni ta’ terzi, Punent ma’ passagg u Punent ma’ beni tal-familja Sultana jew irjieh verjuri;

(iii) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex tal-kejl ta' cirka 458m.k. u tmiss Xlokk ma' passagg, Tramuntana u Punent ma' beni ta' Djocesi ta' Ghawdex jew aventi kawza;

(iv) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex tal-kejl ta' cirka 330m.k. u tmiss Tramuntana, Punent u Lvant ma' beni ta' Djocesi ta' Ghawdex jew aventi kawza;

(v) Porzjon art imsejha 'Ta' Ras il-Bajjada' fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 3,558m.k. konfinati mit-Tramuntana ma' beni tal-familja Grech u konfinanti mil-Majjistral ma' beni tal-familja Gauci jew irjieh verjuri.

Is-sehem ta' Maria Carmela mill-beni enumerati numri (ii) sa (v) ghandhom jinbieghu bil-licitazzjoni, bir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet skont l-ishma rispettivi tal-partijiet ossija kwart (1/4) l-atturi bejniethom; nofs (1/2) lil Agnese Farrugia u kwart (1/4) iehor lil Giorgia Vella. Dwar il-fond numru (i) se jigi trattat aktar 'il isfel.

Jirrizulta wkoll li Maria Carmela Buhagiar kellha kont bankarju mal-Bank of Valletta plc[3] liema kont irid jinqasam skont il-kwoti kif indikati ghall-immobbli.

**<u>Divizjoni tal-Eredita' ta' Francesco Buhagiar</u>**

Illi dwar din l-eredita' hemm diversi punti li jridu jigu kkunsidrati.

[3] Xhieda ta' Alvin Scicluna a fol 234 tal-process

Din l-eredita' giet regolata b'zewg testmenti li permezz taghhom innomina eredi universali lit-tliet uliedu hajjin ossija Agnese Farrugia, Giorgia Vella u lil ibnu Anthony Buhagiar u lill-atturi fi kwota ta' kwart indiviz (1/4) bejniethom. Oltre' minn hekk, Francesco Buhagiar halla prelegat lil bintu Agnese Farrugia tal-lok ta' djar numru 202, Sqaq Fuq il-Lunzjata, Fontana, Ghawdex bl-art kollha mieghu annessa u bl-oggetti mobbli kollha fih kontenuti *a limine intus,* eskluzi l-kotba tal-bank u dokumenti u titoli ohra li jirrapprezentaw flus u dan il-prelegat hallih bhala tpattija, rikonoxximent u hlas ta' diversi servigi rezi lilu, lil martu u lil binhom Anthony ghal hafna snin u bil-kundizzjoni li tibqa' tirrendilu dawn is-servizzi fil-futur u bil-kundizzjoni wkoll li ma tirrikoverahx fi sptar jew djar tax-xjuh jekk mhux f'kaz ta' assoluta necessita' ghas-sahha tieghu jew tal-istess bintu. Kwindi halla legat rimuneratorju izda mhux biss ghaliex dan il-legat ma jikkomprendix biss in-nofs indiviz ta' Francesco Buhagiar mill-fond imsemmi izda wkoll kien jappartjeni in parti lill-assi tal-mejta martu, izda huwa xorta wahda ried u ordna li l-prelegat jigi percepit fl-intier tieghu mill-prelegatarja. Huwa halla wkoll legat ta' haga ta' haddiehor rigward il-flus tal-banek a favur ta' ibnu Anthony, illum mejjet.

L-atturi u l-konvenuti Agnese Farrugia u Giorgia Vella kif ukoll il-kuratur deputat ghall-eredita' gjacenti ta' Anthony Buhagiar rrinunzjaw ghal dan il-wirt b'Agnese Farrugia zzomm ferm id-dritt taghha ghal konsegwiment tal-legat.

Ghal dak li huma principji relatati ma' hlas tas-sehem rizervat hu maghruf li:

Skont l-Artikolu 615(2) tal-Kodici Civili:-

i.Is-sehem rizervat hu kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Peress li t-tfal kienu erbgha (4), is-sehem rizervat huwa ta' terz (1/3) li bejn erbat ahwa jinqasam fi kwota ta' 1/12 ghal kull wiehed minnhom.

ii. Jithallas imghax mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem jintalab fi zmien sentejn, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara sentejn.

iii.*"Illi d-dritt assolut tad-disposizzjoni tal-proprjeta' huwa limitat mill-fakolta' ta' xi disposizzjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun halla superstiti certi parenti. F'dana s-sens il-kapacita' tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimitata, l-ghaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun gie nieqes mill-beni tieghu kollha, izda minn parti minnhom biss. Fi kliem iehor, apparti l-limitazzjoni dwar certi persuni, il-kapacita' u l-fakolta' tad-disposizzjoni per mezz ta' attijiet ta' l-ahhar volonta' hija wkoll limitata ghall-kwantita' tal-beni. Dina l-kwantita' tiddependi minn kemm mil-likwidazzjoni tal-patrimonju ghandu matematikament jikkomponi sew il-parti disponibbli……"* (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1950 – Vol. XXXIV.ii.574).

iv. Qabel l-emendi li gew introdotti fis-sena 2004 is-sitwazzjoni kienet li*"il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet"*; *"Il-legittimarju ma hux eredi; imma lanqas huwa kreditur ta' l-eredita'; huwa biss ghandu porzjoni mill-beni li halla d-decujus li hija rizervata lilu mil-ligi"* (**Carmela Farrugia noe. et vs Concetta Mintoff et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Gunju 1949 – Vol. XXXIII.472). Il-legittima kienet dovuta ***in natura*** (**Vol. XXVII P I p 451; Vol. XXXVIII P II p 551**), "*in piena proprieta` senza alcun peso od altra condizione*" (**Vol. XXII P II p 116**).

v. Ghall-finijiet ta' kalkolu tas-sehem rizervat, "*si calcola sull'intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie*" (**Vol. IX pagna 297**). Ghalhekk ghandha tigi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jridu jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez tal-funeral

tad-decujus. Fis-sentenza riportata fil-Volum XXXIII.i.472[4] inghad: *"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta' kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' benificenza"*;

Inkwantu ghall-valuri tal-proprjeta' hemm qbil dwar il-valuri tas-segwenti proprjetajiet:

(i) Porzjon art imsejha 'Ta' Gerxija', fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex, f'zewg porzjonijiet attigwi msejha 'Ta' Barra' u 'Ta' Gewwa' rispettivament tal-kejl komplessiv ta' cirka 3,818m.k. – valutata **€63,000**

(ii) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex tal-kejl ta' cirka 458m.k. – valutata **€4,750**

(iii) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex tal-kejl ta' cirka 330m.k. – valutata **€3,420**

(iv) Porzjon art imsejha 'Ta' Ras il-Bajjada' fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 3,558m.k. – valutata **€59,000**

Francesco Buhagiar kellu nofs (1/2) indiviz mill-proprjetajiet hawn fuq imsemmija.

Hemm divergenza bejn il-partijiet dwar il-valur li nghata mill-Periti Teknici dwar:

[4] **Carmela Farrugia ne. et vs Concetta Mifsud et**.

Il-fond bin-numru 202, Triq ta' l-Ghajn, Fontana, Ghawdex bi gnien anness. Il-**Perit Tekniku Mario Cassar** ivvaluta li l-valur prezenti tas-suq bhala **€300,00** u dan wara li kkunsidra l-fatturi rilevanti kollha, inkluz il-lok, it-tip, il-kobor u kundizzjonijiet ohra ta' zvilupp potenzjali.

Mentri l-Periti Addizzjonali vvalutaw dan il-fond fl-ammont ta' **€560,000.** L-atturi u l-konvenuta Giorgia Vella jsostnu li dan huwa l-valur gust mentri Agnese Farrugia tirritjeni li dan il-valur mhux wiehed reali.

Il-Qorti tinsab ghalhekk f'sitwazzjoni fejn ghandha zewg stimi ta' l-istess fond li huma ferm differenti minn xulxin. Il-Periti addizzjonali prattikament ivvalutaw il-fond kwazi d-doppju ta' dak li gie vvalutat mill-ewwel Perit Tekniku.

Fil-kawza fl-ismijiet **Louis Gauci vs Angela Attard** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fid-9 ta' Dicembru 2002, gie osservat li *"…. "il giudizio dell' arte" espress mill-espert nominat minnha mhux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jehtiegilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-gudizzju huwiex wiehed irragjonevoli jew priv minn dawk l-elementi assodanti li jwasslu ghall-konvinciment"*.

Wara li ezaminat iz-zewg rapporti u qieset ir-risposti in eskussjoni, din il-Qorti tqis li ghandha tadotta l-istima moghtija mill-Periti Addizzjonali. Mir-risposti tal-Periti Addizzjonali jirrizulta li ma inbidel xejn f'termini ta' *policies* mill-valutazzjoni tal-ewwel perit tekniku. Madankollu, huma spjegaw li ladarba l-ewwel perit tekniku elenka li din il-proprjeta' giet inkluza bhala parti mil-local plan ghall-izvilupp skont l-avviz legali AL71/07 il-valur moghti minnu kien wiehed baxx tenut kont il-fatturi rilevanti kollha, inkluz il-lok, it-tip u kundizzjonijiet ohra ta' zvilupp potenzjali. In vista ta' din il-policy senjatament it-tielet paragrafu tas-subinciz 3 tal-klawzola 2 wiehed ikun irid japplika a tenur ta' l-istess

Avviz Legali u mbaghad l-Awtorita’ tistabilixxi l-parametri ta’ l-izvilupp. In eskussjoni[5] spjegaw ruhhom b’dan il-mod:

*“Ahna nikkonfermaw illi l-valur li gie stabbilit tal-fond 202, triq tal-Ghajn, Fontana, hu l-valur li fil-fehma taghna llum il-gurnata igib fis-suq fir-rigward ta’ dan il-post bhala prezz. Certament li min-naha taghna ma stajniex fil-kalkoli li ghamilna niehdu in konsiderazzjoni ta’ fatturi, bhal gholi, li dwarhom ghad m’hemmx stabbilita l-parametri kif ghandu jsir l-izvilupp. Nikkonfermaw li f’kazijiet simili tkun taf l-gholi tal-izvilupp wara li ssir il-planning control application. Dan hu process li jrid isir qabel l-applikazzjoni ghall-izvilupp. Dan m’huwiex kaz bhall- kazijiet normali fejn l-izviluppatur ikun jaf l-gholi tal-bini u dan peress li kif diga’ ghidna kien sar wara l-hrug tal-local plan dan ir-rationalisation exercise f’kull rahal f’Malta.*

*Ahna nsostnu li bhala stima it is on the low side. Normalment meta ssir il-planning control application l-ufficcjali tal-MEPA jistudjaw x’ikun qieghed jigri fl-akwata fejn tkun il-post. Minn applikazzjonijiet ohra li saru gewwa Ghawdex l-uzu li qieghed jinghata hu ghal skopijiet residenzjali u l-gholi normalment ivarja minn zewg sulari jew jistghu jtuk sular iehor imma jkun irtirat minn mal-faccata. Meta qeghdin nghidu zewg sulari dan hu mil-livell tat-triq. Ahna nsostnu anzi illi jekk kellu jinhareg permess biex fis-sit jinbnew zewg sulari ahna nsostnu illi l-valur li tajna fir-rapport addizzjonali ghandu anzi jizdied.”*

Tenut kont ta’ tali spjegazzjoni l-qorti tqis li ghandha tadotta l-istima tal-Periti Addizzjonali nonostante li l-izvilupp potenzjali jiddependi minn ezercizzju li trid taghmel l-Awtorita’ tal-Ippjanar wara li tigi sottomessa talba ghall-izvilupp, u f’liema ezercizzju jkunu jridu jigu diskussi u stabbiliti l-parametri ta’ kif ghandu jsir l-izvilupp kemm dwar konsistenza, gholi, linji tat-toroq, livelli tat-toroq u fatturi ohra ta’ zvilupp li ghadhom ghalhekk mhumiex certi. Huwa minnu li l-pjan lokali li rrefera ghalih l-ewwel perit tekniku ma kienx ghadu dahal fis-sehh fl-2005 meta kien

[5] Seduta tas-26 ta’ Marzu 2010 a fol 378 tal-process

hemm il-ftuh tas-successjoni madankollu tqis li l-valur moghti huwa wiehed realistiku anki ghaz-zmien tal-ftuh tas-successjoni.

Hekk kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Dr Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe**[6]**.** Ghal dak li hu kalkolu ta’ legittima l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala **rijunjoni fittizzja**. Permezz ta’ dan l-ezercizzju preliminari isir kalkolu ta’ l-ammont li t-testatur seta’ jiddisponi minnu (*disposable portion*) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B’dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta’ kienx hemm lezjoni tas-sehem rizervat. Dan l-ezercizzju jrid isir b’dan il-mod:-

(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (*relictum*) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;

(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata’ d-dejn;

(c) Mill-bilanc li jibqa’ ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b’donazzjoni[7]. Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta’ *“shall be fictitiously added”* mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.

[6] Rik Nru: 25/2006AE deciza fid-29 ta’ Frar 2008

[7] *“Such addition is necessary because the portion of the deceased’s property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights”* (Prof. Caruana Galizia fin-*Notes on Law of Succession,* pagna 1021).

B’hekk inkunu nistghu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul hajtu u wkoll permezz ta’ disposizzjonijiet testamentarji) **jaqbizx is-sehem li minnu seta’ jiddisponi.** Tant hu hekk li l-Artikolu 648(c) jipprovdi li *“is-sehem li t-testatur seta’ jaghmel minnu jitqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta’ dawk li ghandhom jedd b’ligi ta’ sehem mill-beni tieghu, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 615 sas-646”*. **F’kaz li jaqbez is-sehem li seta’ jiddisponi minnu, ikun hemm lezjoni ta’ legittima**. Pero’ f’dan l-ezercizzju wiehed irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lil min ghandu d-dritt ghas-sehem rizervat (legittimarju) u dak li seta’ rcieva minghand it-testatur *inter vivos* u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk is-sehem rizervat thallsitx[8]. Imbaghad fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem disponibbli, irid isir l-ezercizzju maghruf bhala riduzzjoni skond id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Fejn it-testatur ma jkunx qabez dak is-sehem il-legati ma jintmissux; *“il testatore, riservando determinate specie di beni come quota indisponibile del suo patrimonio, e’ libero di disporre per testamento riguardo alla rimanente porzione, senza che il legittimario abbia alcun diritto di insorgere contro tali dispozioni, non piacendogli le specie dei beni lasciate nella quota indisponibile. Cosi’ il chiaro scrittore (l.c. pag. 64) ritiene in proposito: ‘Il testatore puo’ lasciare per testamento tutti I beni mobile o immobili, sino alla concorrenza della disponibile, e riservare per legittimario soli beni mobile o immobili”* (**Avv. Enrico Carlo Vassallo nomine vs Giuseppina Mallia et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-24 ta’ Frar 1930 – Vol. XXVII.i.451). L-Artikolu 651 tal-Kodici Civili jipprovdi:- *“Kemm-il darba d-disposizzjonijiet b’testment ikunu jaqbzu s-sehem li minnu seta’ jaghmel it-testatur, jew il-bicca ta’ dan is-sehem li tibqa’ wara li jinqata’ l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir pro rata, minghajr ebda ghazla bejn werrieta u legatarji”*. Sabiex wiehed ikun jista’ jifhem ahjar is-sinifikat ta’ dan il-provvediment, utli li ssir riferenza ghall-ezempju moghti minn Profs. V. Caruana Galizia fejn jittratta s-suggett ta’ riduzzjoni, *“Supposing the property left by will amounts to Lm3,000 or Lm2,500, and that no donations were made in the first case and the value of the donations in the second case as Lm500, the estate, when re-instated, would amount tp Lm3,000 in both cases, the legitim due to an only child would be Lm1,000 and the disposable portion*

[8] Artiklu 620(4) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

*Lm2,000. In the first case the testamentary dispositions would exceed the disposable portion, and in the second case the testamentary dispositions would have been made as to Lm1,500 out of the disposable portion, and as to Lm1,000 out of the non-disposable portion. In both cases the said dispositions would not be reduced in their entirety, but only by the amount taken from the disposable portion, viz Lm1,000"* (*Notes on Law of Succession*, pagna 1030).

L-ewwel ma jrid jigi stabbilit huwa safejn il-legat mholli minn Francesco Buhagiar lil Agnese Farrugia huwa tassew rimuneratorju. Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq Francesco Buhagiar halla bhala prelegat lil Agnese Farrugia konsistenti fil-fond bin-numru 202, Triq ta' l-Ghajn, Fontana, Ghawdex bi gnien anness. Dan hallih bhala tpattija ghas-servigi moghtija minn Agnese Farrugia lilu u lil martu u lil huha Anthony Farrugia u bil-kundizzjoni li kellha tibqa' tassistih sa' l-ahhar ta' hajtu. Francesco Buhagiar kellu biss nofs indiviz minn dan il-fond peress li l-fond kien appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Agnese Farrugia wara l-mewt ta' ommha kienet proprjetarja ta' dan il-fond fil-kwota ta' kwart indiviz (ghaliex wirtet nofs minn nofs ta' sehem l-omm). Kwindi jifdal kwart indiviz min-nofs li kien jappartjeni lill-omm. Ghalhekk ghandna legat ta' haga ta' haddiehor liema materja hija regolata bl-artikolu 696 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*"(1) Il-legat tal-haga ta` haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor u mhux tieghu; f`dan il-kaz il-werriet jista` jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex ighaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha.*

*(2) Izda, jekk il-haga hekk imhollija b'legat, ghalkemm tkun ta` haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta' dik il-haga huwa validu".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Polly Demanuele et vs Victor Grech et**[9] saret referenza ghas-segwenti:

*"Fil-kawza fl-ismijiet "Paolo Zammit vs Rosa Zammit" (28 ta Gunju 1957) il-Qorti tal-Appell Civili elenkat il-principji dottrinali li huma l-bazi tal-artikolu in kwestjoni. F'din is-sentenza ntqal li "skont il-ligi taghna, hija kondizzjoni essenzjali ghall-validita tal-legat ta' haga ta' haddiehor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-haga lil haddiehor.*

*"Mhux rikjesta ebda klawsola jew formola specjali u hu ukoll indifferenti jekk it-testatur jiehu zball fl-identita' tal-proprjetarju; pero' huwa mehtieg li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni." Inoltre l-Qorti tal-Appell Civili, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta' Carmelo Borg" tad-9 ta' Marzu 1994, irriteniet li in vista tal-artikolu 698, il-legat ta' haga ta' haddiehor ma jiswiex hlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu. Il-Qorti rreteniet ukoll illi meta l-oggett tal-legat kien biss in parti proprjeta' ta' terzi, bhalma huwa l-kaz odjern, il-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oggett li jkun proprjeta' tat-testatur".*

Fil-kaz odjern it-testatur Francesco Buhagiar iddikjara b'mod car li kien jaf li l-legat li halla in parti kien jappartjeni lill-assi tal-mejta martu. Ghalhekk bhala legat ta' haga ta' haddiehor jiswa'.

Kif diga' inghad din il-qorti trid tara safejn dan il-legat imholli minn Francesco Buhagiar huwa wiehed rimuneratorju biex jitqies safejn huwa dejn tal-wirt; kif ukoll safejn jitqies li d-disposizzjoni testamentarja ghandha titnaqqas ghaliex mhux kontestat lanqas minn Agnese Farrugia li dan il-legat jaqbez is-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu. Il-valur li l-qorti se tadotta ghal dan il-fond huwa ta' €560,000. Fiz-zmien tal-

[9] Cit Nru: 1943/2000GC deciza fis-17 ta' Mejju, 2013

mewt ta'missierha Agnese Farrugia kienet diga' proprjetarja ta' dan il-fond fi kwota ta' kwart indiviz u ghalhekk il-valur tal-legat imholli kien jammonta ghal €420,000.

Mill-provi jirrizulta li Agnese Farrugia verament damet snin twal iddur bil-genituri taghha u b'huha li kien rikoverat fi sptar. S'intendi l-assistenza u servigi rezi zdiedu mas-snin hekk kif il-genituri bdew javvanzaw fl-eta'. Partikolarment wara l-mewt ta' ommha, Agnese Farrugia marret tghix ma' missierha u ghalhekk kienet torqod mieghu u taghmel dak li kien hemm bzonn. Maghdud ma' dan hija kienet ukoll tiehu hsieb huha. Irrizulta wkoll pero' li l-pensjoni ta' missierha kienet tkun f'idejha w allura dan ukoll irid jittiehed kont tieghu u naturalment la kienet tghix mieghu anki l-ispejjez ghall-hajja kienu koperti mill-pensjoni tal-missier. Mehud in kunsiderazzjoni t-tip ta' servigi rezi li ma kienux l-istess matul is-snin ghaliex s'intendi aktar ma' l-bniedem javvanza fl-eta' aktar ikollu bzonn ghajnuna kif ukoll il-gid li kellu t-testatur u l-fatt li ommha hallitilha nofs indiviz minn sehemha minn dan il-fond tqis li Agnese Farrugia kien haqqha l-ammont ta' €50,000 ghas-servigi rezi. Kwindi r-rimanenti kien att ta' liberalita'.

Illi Agnese Farrugia iddikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li hija mhix f'posizzjoni u lanqas mhi lesta li thallas fi flus dak l-ammont li jkun imisshom jiehdu l-atturi partikolarment jekk il-qorti jkollha tadotta l-istima l-aktar gholja u tirreferi ghad-dritt ta' ozzjoni a tenur ta' l-artikolu 653(2) tal-Kap 16 u titlob is-servigi minflok u li l-fond jinbiegh.

Ghalhekk in vista ta' tali dikjarazzjoni l-qorti se tordna l-bejgh ta' dan il-fond ukoll. Madankollu Agnese Farrugia ghandha tithallas l-ammont ta' €50,000 ghas-servigi rezi.

Illi jifdal il-kwistjoni dwar <u>il-fond numru 22, Triq San Girgor, Kercem, Ghawdex.</u> Dan il-fond kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi Buhagiar. Fil-25 ta' Jannar 1981 gie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-

Nutar Dr Emanuel George Cefai li permezz tieghu Francesco u Carmena Buhagiar assenjaw u ttrasferew b'titolu ta' *datio in solutum* lil Giorgia Vella (dak iz-zmien Borg) id-drittijiet kollha lilhom spettanti mil-lok ta' djar fin-numru 22 ta' Triq San Girgor, Kercem, Ghawdex inkluza l-mandra mieghu annessa ta' cirka kejla. F'din l-assenjazzjoni giet inkluza wkoll l-entrata li tikkonduci ghall-istess dar kif ukoll l-oggetti mobili kollha ezistenti fl-istess dar.

F'dan il-kuntratt gie dikjarat li l-assenjazzjoni tpaci somma simili dovuta mill-konjugi Buhagiar lil binthom *"bhala kumpens ghal servigi, kuri w assistenzi rezi mill-assenjatarja lill-assenjanti tul dawn l-ahhar sentejn, kif ukoll ta' dawk is-servigi, kuri w assistenzi li l-assenjatarja tobbliga ruhha li tirrendi lill-assenjanti sad-data tal-mewt taghhom".* Il-valur ta' l-immobbli gie dikjarat li kien Lm200. L-assenjanti rrizervaw favur taghhom id-dritt tal-uzu u abitazzjoni gratwita f'dan il-fond.

Kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuta Agnese Farrugia jsostnu li Giorgia Vella ma rrendiet ebda servigi straordinarji lill-genituri taghha u li fil-fatt dan il-kuntratt kien donazzjoni mohbija. Huma jippretendu li dan l-immobbli wkoll jittiehed in kunsiderazzjoni ghall-porzjon rizervata. Madankollu ma jirrizultax li saret talba ad hoc biex dan il-kuntratt jigi dikjarat simulat u ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li ghandha l-fakulta' li tidhol f'din il-kwistjoni.

Daqstant iehor din il-qorti ma tistax tqis it-talba ghal-legittima li saret minn Giorgia Vella fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ladarba ma saritx talba ad hoc jew fin-nuqqas ta' qbil tal-partijiet kollha sabiex isir dan.

Illi mill-atti jirrizulta wkoll li Agnese Farrugia ghan-nom tal-wirt ta' Anthony Buhagiar ukoll irrinunzjat ghall-wirt ta' Francesco Buhagiar u kwindi ladarba hadd mill-werrieta m'accetta l-eredita' tieghu hemm in-necessita' li jinhatar kuratur ghall-eredita' gjacenti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tillikwida l-gid ta' Maria Carmela u Francesco Buhagiar bhala dawk l-immobbli msemmija fis-sottotitolu 'Divizjoni ta' l-Eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar' ta' din is-sentenza ossija:

   (i) Il-fond bin-numru 202, Triq ta' l-Ghajn, Fontana, Ghawdex bi gnien anness;

   (ii) Porzjon art imsejha 'Ta' Gerxija', fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex;

   (iii) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria'; Ghawdex;

   (iv) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex;

   (v) Porzjon art imsejha 'Ta' Ras il-Bajjada' fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex .

2. Tiddikjara li l-beni ta' Maria Carmela u Francesco Buhagiar huma nofs kull wiehed tal-proprjeta' fuq imsemmija.

3. Tiddikjara wkoll li Maria Carmela Buhagiar kellu wkoll kont bankarju liema kont ghandu jinqasam skont il-kwoti indikati.

4. Tiddikjara li dawn il-proprjetajiet ghall-qasma mhumiex kommodament divizibbli u ghalhekk tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-istess immobbli fuq imsemmija fil-paragrafu numru wiehed (1) taht is-subtitolu 'Decide'. Ghall-fini ta' valutazzjoni tal-immobbli dawn ghandhom jibdew bil-prezz skont l-istejjem indikati fl-istess

sentenza[10]. Billi l-qorti tqis li f'dan il-kaz huwa fl-interess ta' kulhadd ghandhom ukoll jigu ammessi oblaturi estranei.

5. Tichad il-hames u sitt eccezzjonijiet stante li rrizulta li l-immobbli mhumiex kommodament divizibbli

6. Tordna li r-rikavat inkwantu ghall-assi ta' Maria Carmela Buhagiar[11] jinqasam fi tliet porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati kwantu ghall-kwart indiviz lill-atturi, nofs indiviz lill-konvenuta Agnese Farrugia, kwart indiviz lil Giorgia Vella.

7. Tordna li mir-rikavat inkwantu ghall-assi ta' Francesco Buhagiar fl-ewwel lok Agnese Farrugia ghandha tithallas is-somma ta' €50,000 in linea ta' servigi rezi. Wara li jinqata' dan l-ammont ghandu jithallas is-sehem rizervat dovut lill-atturi inkwantu ghal wiehed minn sitta u tletin (1/36) sehem kull wiehed minnhom ossia globalment wiehed minn tnax (1/12) sehem indiviz.

8. Billi hemm il-htiega ghal nomina ta' kuratur ghall-wirt gjacenti ta' Francesco Buhagiar tordna lir-Registratur ta' din il-Qorti sabiex tali kuratur jkun dak li jmissu skont l-elenku. Fl-eventwalita' li jifdal bilanc il-kuratur deputat ghandu jiddepozitah f'kont bankarju fiss u jipprezenta prova ta' dan fl-atti tal-kawza.

L-ispejjez inkwantu ghall-eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar inkluz tal-bejgh bil-licitazzjoni ghandhom jigu sopportati skont l-ishma rispettivi taghhom; inkwantu ghall-eredita' ta' Francesco Buhagiar inkluz il-bejgh bil-licitazzjoni ghandhom jigu sopportati mill-eredita' gjacenti ta' Francesco Buhagiar. Spejjez tal-kuratur skont il-ligi.

---

[10] Il-fond bin-numru 202, Triq ta' l-Ghajn, Fontana, Ghawdex bi gnien anness bil-prezz ta' €560,000; Porzjon art imsejha 'Ta' Gerxija', fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex, f'zewg porzjonijiet attigwi msejha 'Ta' Barra' u 'Ta' Gewwa' rispettivament tal-kejl komplessiv ta' cirka 3,818m.k. – valutata €63,000; Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex tal-kejl ta' cirka 458mk – valutata €4,750; Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex tal-kejl ta' cirka 330mk – valutata €3,420; Porzjon art imsejha 'Ta' Ras il-Bajjada' fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 3,558m.k. – valutata €59,000

[11] Nofs sehem indiviz tal-proprjetajiet

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------